Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2024/0321(NLE)

12.6.2025

***

ABBOZZ TA' RAKKOMANDAZZJONI

dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil dwar kooperazzjoni mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u l-Pulizija Federali tal-Brażil u permezz tagħhom
(05617/2025 – C10-0045/2025 – 2024/0321(NLE))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Nikola Bartůšek

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

NOTA SPJEGATTIVA 6

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM 7

ABBOZZ TA’ RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-abbozz ta’ deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f’isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil dwar kooperazzjoni mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u l-Pulizija Federali tal-Brażil u permezz tagħhom (05617/2025 – C10-0045/2025 – 2024/0321(NLE))

(Approvazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-abbozz ta’ deċiżjoni tal-Kunsill (05617/2025),

– wara li kkunsidra l-abbozz ta’ Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil dwar kooperazzjoni mal-aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u l-Pulizija Federali tal-Brażil u permezz tagħhom (05618/2025),

– wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni mressqa mill-Kunsill f’konformità mal-Artikoli 16(2) u (88) u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a)(v), u l-Artikolu 218(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C10-0045/2025),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 107(1) u (4) u l-Artikolu 117(7) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A10-0000/2025),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tar-Repubblika Federattiva tal-Brażil.

NOTA SPJEGATTIVA

Dan il-Ftehim jistabbilixxi kooperazzjoni bejn l-Europol u l-awtoritajiet kompetenti tal-Brażil bl-għan li jippermetti t-trasferiment ta' data personali u mhux personali bejniethom. Tali arranġament huwa meħtieġ sabiex tiġi appoġġjata u msaħħa l-azzjoni mill-awtoritajiet tal-Istati Membri tal-Unjoni u dawk tal-Brażil, fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra r-reati kriminali, inklużi l-kriminalità serja u t-terroriżmu. Fl-istess ħin, dan il-ftehim jipprovdi salvagwardji xierqa fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali tal-individwi, inkluż id-dritt għall-privatezza u l-protezzjoni tad-data.

Il-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi fl-oqsma tal-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u l-korruzzjoni, it-traffikar tad-droga, iċ-ċiberkriminalità, il-ħasil tal-flus, il-finanzjament tat-terroriżmu, u l-migrazzjoni illegali, tista' ġġib benefiċċji estensivi għaż-żewġ partijiet u hija fl-interess tal-Unjoni Ewropea. Id-domanda dejjem tikber għad-drogi u ż-żieda fir-rotot tat-traffikar tad-droga lejn l-Unjoni Ewropea huma theddida serja għas-sigurtà tagħna. Għalhekk, jenħtieġ li l-Europol tkun tista' tikkoopera mill-qrib, inkluż permezz tal-iskambju ta' data personali, mal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi ta' pajjiżi terzi, bħall-Brażil, sabiex tiġġieled kontra dawk ir-reati perikoluži kollha.

Ta' min jinnota wkoll, li l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (KEPD) ikkonferma, fl-opinjoni tiegħu li l-ftehim jippreżenta salvagwardji adegwati fir-rigward tal-protezzjoni tal-privatezza u d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-individwi.

Ir-Rapporteur huwa tal-fehma li l-konklużjoni ta' dan il-ftehim se tgħin biex tiġi żgurata Ewropa aktar sikura għaċ-ċittadini tagħna. Ir-Rapporteur irrakkomanda li l-Parlament Ewropew jagħti l-kunsens tiegħu għall-konklużjoni tal-Ftehim.

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur tiddikjara li rċiviet kontribut mill-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tħejjija tal-abbozz ta' rapport:

Entità u/jew persuna
European Commission, Directorate-General for Migration and Home Affairs

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur.

Meta persuni fiżiċi jkunu identifikati fil-lista b'isimhom, bil-funzjoni tagħhom jew bit-tnejn li huma, ir-rapporteur jiddikjara li ppreżenta lill-persuni fiżiċi kkonċernati l-Avviż tal-Parlament Ewropew Nru 484 dwar il-Protezzjoni tad-Data (https://www.europarl.europa.eu/data-protect/index.do), li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet applikabbli għall-ipproċessar tad-data personali tagħhom u d-drittijiet marbuta ma' dak l-ipproċessar.